MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 47/2005

**Mark Charles Kenneth Stephens**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fit-3 ta' Ottubru, 2005 li *in forza* taghha r-rikorrenti wara li ppremetta illi:

1. Illi hu, cittadin Brittaniku, jinsab ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qrati Maltin wara estradizzjoni minn Spanja, u l-process jinstab fl-istadju li l-atti gew rimessi lill-Avukat Generali wara li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja qieset li hemm ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht att ta' akkuza, u dan b'digriet tad-29 ta'

Settembru, 2005, wara li l-istess Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.

2. Illi meta huwa kien imressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati wara l-arrest tieghu f'Malta, esegwit wara li kien estradat, huwa mal-ewwel qajjem l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni, izda f'dak il-kaz ukoll dik il-Qorti ma dahlet bl-ebda mod fuq il-kwestjoni tal-gurisdizzjoni u ddikjarat biss li l-arrest kien regolarment konvalidat.

3. Illi l-esponenti kien ghamel kawza kostituzzjonali li nqatghet fit-23 ta' Novembru, 2004, fl-ismijiet Dr. Joseph Brincat bhala Mandatarju Specjali ta' Mark Stephens vs Avukat Generali, fejn l-istess Onorabbli Qorti, wara li rrevokat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li kien asseriet il-gurisdizzjoni, iddikjarat li kienet se tastjeni milli tiddeciedi tali kwestjoni *stante* li l-kwestjoni kellha tigi dibattuta quddiem il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali.

4. Illi n-nuqqas tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja li tinvesti l-kwestjoni tal-gurisdizzjoni jgib ksur tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kemm ghal dak li jirrigwarda l-Art 5(3) u kemm ghal dak li jirrigwarda l-Art 5(4), u eventwalment tal-Artiklu 7 tal-istess konvenzjoni.

5. Meta persuna titressaq arrestata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, dik l-Onorabbli Qorti ghandha l-obbligu u d-dovur li tezamina l-arrest mill-aspett tal-legalita' kemm fuq bazi fattwali u kemm fuq bazi legali. Jekk titqajjem il-kwestjoni, bhala ma kien f'dan il-kaz, tal-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, allura dik il-kwestjoni trid tkun deciza u mhux b'mod implicitu, u wara li jkun hemm konsiderazzjoni tal-istess punt sollevat. Fil-kaz *in ezami* ma sar xejn minn dan. Dan l-argument qed jkun ibbazat fuq il-kaz *Schiesser*, fejn fil-considerandi tieghu kien hemm stabbiliti r-regoli dwar il-konvalida tal-arrest. (Paragrafu 31 tas-sentenza 4/12/1979). Jekk l-Istat Malti m'ghandux gurisdizzjoni, minkejja kull suspett ragjonevoli li seta' kellha l-Pulizija, ma jistax ikun hemm l-arrest validu.

6. Illi meta l-kwestjoni tqajjmet quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati meta ghaddiet biex tisma’ l-provi, dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat li qed tastjeni milli tiddeciedi tali eccezzjoni fondamentali *stante* li l-poteri tal-Qorti tal-Magistrati skond l-Artiklu 401 huwa prattikament biss il-gbir tal-provi, u ma tistax tilqa’ eccezzjonijiet preliminari jew tikkunsidrahom. Saret enfasi kbira fuq is-sentenza Cassar Galea, li llum ma treggix izjed taht l-ezami legali tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Definittivament din is-sentenza Cassar Galea ma hix applikabbli meta l-persuna tkun ghadha arrestata, u tista’ tibqa’ hekk arrestata ghal zmien twil.

7. L-istess Qorti ghamlet kontradizzjoni legali meta l-ewwel cahdet li kellha tikkunsidra dwar il-gurisdizzjoni, imbaghad ezercitat gurisdizzjoni billi ddikjarat li l-esponenti kellu jkompli taht att ta’ akkuza, u *inoltre* cahdet anke talba subordinata u minghajr pregudizzju ghall-helsien mill-arrest. Qatt ma kien hemm sottomissjoni ghall-gurisdizzjoni, u l-gurisdizzjoni ghandha tkun deciza *in limine litis*. Jew il-Qorti ghandha l-poteri kollha jew m’ghandhiex. Imma ma tistax tasserixxi l-gurisdizzjoni *“implicitament”*. Il-kwestjoni tal-gurisdizzjoni jekk imqajma trid tigi deciza. Jekk ma hemmx gurisdizzjoni l-anqas tista’ Qorti tghaddi ghal attijiet konsegwenzjali u successivi. Ir-rinviju ghall-gudizzju kien att gurisdizzjonali minghajr ma l-Qorti kienet qed tiddeciedi jekk il-Qrati Maltin ghandhomx gurisdizzjoni, u jekk kellhomx il-poteri li jiggudikaw.

8. Arrest ta’ persuna fi Stat fl-Ewropa meta dak l-istat ma jkollux gurisdizzjoni ma jistax jinghad li hu legali jew *“lawful”*.

9. Il-legislazzjoni Maltija, wara diversi sentenzi mill-Qorti Ewropea li Malta ma kellhiex Qorti li tezamina l-legalita’ tal-arrest taht l-Artiklu 5(4), ghamlet emenda bl-Artiklu 409A tal-Kodici Kriminali li hu ristrett ghal kaz meta jkun hemm arrest mill-Pulizija u l-persuna tibqa’ f’idejn il-Pulizija. L-istess artiklu jikkunsidra li dan ma japplikax ghal meta l-persuna tkun tressqet quddiem Qorti bhala

imputata jew akkuzata.  Dan jirrifletti l-hsieb tal-ufficcju tal-Avukat Generali u dan minkejja s-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz Kadem vs Malta, fejn kien sostna li la kien hemm kumpilazzjoni u l-imputat kien quddiem Qorti, il-vot tal-Artiklu 5(4) tal-Konvenzjoni kien sodisfatt.  Jekk wiehed ghall-grazzja tal-argument kellu jaccetta dan, imma certament fil-kaz presenti l-fatt li l-Qorti Istruttorja tghid li mhix kompetenti biex tiddeciedi jekk arrest hux legali jew le fuq il-bazi ta' gurisdizzjoni, turi li hija Qorti menomata biex tezamina l-legalita' tal-arrest.  Fil-kaz presenti bl-ebda mod ma gie sodisfatt dak li hemm mahsub fl-Artiklu 5(4) tal-Konvenzjoni, u jidher li jista' biss jikkontesta l-validita' legali tal-arrest tieghu biss meta jghaddi x-xhur u jkun quddiem Qorti Kriminali.  Dan mhux ezami maghmul *"speedily"*.  Diga' ghadda zmien twil biex jirradika l-ksur tal-Artiklu 5(4) tal-Konvenzjoni.

10. Fil-fatt Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ghandha poter u dover li tezamina l-kwestjoni tal-gurisdizzjoni.  Dan issa aktar johrog car mill-emenda li saret fejn gew eskluzi biss (u dan hu kostituzzjonalment zbaljat u anke *in vjolazzjoni tal-Konvenzjoni*) eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni u n-*ne bis in idem*.  Fl-emenda ghall-Artiklu 401, biz-zieda tas-subartiklu (4) tieghu, gew eskluzi biss preskrizzjoni u n-*ne bis in idem*, imma ma gietx eskluza l-gurisdizzjoni msemmija bl-artiklu 449(1)(a). Huwa principju ta' interpretazzjoni legali *"inclusio unius est esclusio alterius"*.  Jekk minn lista taghzel wiehed tnejn, l-ohrajn huma eskluzi.

11. La kien hemm il-vjolazzjonijiet, l-istadju li fih saru fil-process penali huma irrepetibbli ghaliex fir-rinviji il-Qorti Istruttorja m'ghandha ebda poter li taghti l-ebda decizjoni ohra, hlief li tigbor provi ulterjuri u digrieti dwar gbir ta' provi, imma qatt izjed li tista' tghid li m'ghandhiex gurisdizzjoni.  Ghalhekk fuq dawn il-punti (*cioe'* l-Artiklu 5(3) u l-Artiklu 5(4)) il-vjolazzjonijiet huma fattwalment kommessi.

12. *Inoltre* l-esponenti qed iqajjem ukoll il-kwestjoni tal-vjolazzjoni tal-Artiklu 7 tal-istess Konvenzjoni.  Dan hu taht il-provvediment tas-sistema taghna li anke meta l-

vjolazzjoni tkun potenzjali, jistghu jittiehdu proceduri kostituzzjonali halli ma ssirx il-vjolazzjoni, umbaghad forsi jinstab rimedju, jew ikun hemm kumpens li ma jreggax lura l-arlogg. Issa mhux kwestjoni li ghadu Spanja. Issa jinsab Malta u taht l-awtorita' Maltija.

13. Il-kwestjoni tal-gurisdizzjoni u li hu qed ikun akkuzat (u jista' eventwalment ikun kundannat) ta' reati li mhumiex reati skond il-ligi Maltija huma marbutin flimkien.

14. L-akkuzi li gabet il-prosekuzzjoni huma t-tliet ta' kongura fl-ispacc ta' drogi, u dan bi ksur ta' l-artiklu 22(1)(f) tal-kap 101 u tal-Artiklu 120A(1)(f) tal-kap. 31, provvedimenti li huma testwalment identici.

Iz-zewg ligijiet stess jaghmluha cara li dan hu reat istantaneu, fis-sens li l-ftehim biss jirradika r-reat. Hekk ukoll hija l-gurisprudenza tal-Qrati taghna. U l-mistoqsija ghalhekk tqum: fejn qed tallega l-prosekuzzjoni li sar il-ftehim? Definittivament Spanja. Mistoqsi *in kontroezami* s-Superintendent Neil Harrison stqarr waqt il-kumpilazzjoni li l-bazi tal-akkuza huwa dwar ftehim li kien allegatament sar fi Spanja. Mela fuq bazi strettament territorjali l-gurisdizzjoni kienet dik ta' Spanja.

La fil-Kodici taghna u l-anqas fl-ebda ligi specjali ma ghandna l-provvediment, bhal ma hemm fil-ligi Taljan u Spanjola, li jekk ir-reat jibda' f'pajjiz iehor imma l-effett tieghu ikun l-istat, allura hemm il-gurisdizzjoni. Ezempju klandestini jitilqu minn Malta biex jidhlu l-Italja. Il-Maltin li jtellquhom jaqghu taht il-gurisdizzjoni Taljana. Fil-kongura mbaghad is-sitwazzjoni hija differenti ghaliex anke jekk ma jsir l-ebda fatt *in esekuzzjoni* tal-ftehim xorta jkun sar ir-reat. L-akkuzi huma t-tlieta li saret kongura.

Ma hemmx kontestazzjoni li ligi specjali tista' testendi l-gurisdizzjoni *oltre* dak li jipprevedi l-Artiklu 5 tal-Kodici Kriminali. Imma l-ligijiet specjali u *cioe'* l-Kap. 101 u l-Kap 31 **ghamluh reat f'Malta** l-ftehim milhuq barra minn Malta?

L-esponenti jissottometti li dan mhux il-kaz. Kongura ta' wiehed li mhux Malti jew residenti permanenti f'Malta dwar spacc ta' droga liema ftehim ma jkunx sar fit-territorju Malti, **kif inhi miktuba l-ligi, ma jwassalx ghar-reat in kwestjoni f'Malta.**

Huwa risaput li l-ligijiet taghna ma joqghodux jirrepetu kull darba fil-bidu *"Kull min f'Malta"*. Li f'Malta hija presunta ghaliex hemm ir-regola mportanti tal-gurisdizzjoni territorjali, u l-Parlament jaghmel legislazzjoni ghat-territorju tieghu. Eccezzjonalment jestendi l-gurisdizzjoni. Ezempju li jafuh il-Maltin kollha huwa dwar l-abort fl-Artikli 241 *et* tal-Kodici Kriminali. L-ebda kirurgu li jghix barra minn Malta li jaghmel abort fuq mara Maltija ma jkun passibbli ghall-azzjoni kriminali f'Malta. Irid ikun hemm estensjoni tal-gurisdizzjoni, dik li hi msejha l-gurisdizzjoni extraterritorjali.

Fiz-zewg artikoli tal-kongura mressqa kontra l-esponenti, din l-estenzjoni ma saritx. Kieku saret, kienet tkun fil-bidu tal-provvediment legislattiv, fit-test Ingliz wara l-kelma *"who"*. Ezempju ta' dan huwa proprju fl-paragrafu ta' qabel u *cioe'* fit-22(1)(e) u fil-paragrafu 102(1)(e). Hemm insibu *"who <u>in any place outside Malta</u>"*. Car u tond li l-Malti jew ir-resident permanenti <u>ukoll barra minn Malta</u> jaghmel reat dwar droga, jista' jiehdu passi kontra tieghu f'Malta.

Fil-paragrafu (f) li jigi wara ma hemmx l-istess struttura jew dicitura ta' ligi. Ezami tat-test kemm bl-Ingliz u kemm bil-Malti juru li l-kliem li jirreferu ghal Malta u ghall-barra ma jigux wara l-kelma *"who"* jew "*kull min"*. Fit-test Ingliz l-anqas tigi wara l-verb *"conspires"*, u li kieku kienet taghmel sens car li *"who with any other person conspires in Malta or abroad"*. Fit-test Malti (li jipprevali) hemm *"jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh"*. Kieku l-legislatur ried jew kien attent biex jolqot kaz bhal dan *in ezami* kien jikteb *"jassocja ruhu f'Malta jew barra minn Malta ma' xi persuna ohra jew persuni".*

Kif inhu t-test (kemm bl-Ingliz u kemm bil-Malti) dak li jkun Malta jista’ jassocja ruhu kemm ma’ persuna li tinsab Malta u kemm ma’ persuna li tinsab barra minn Malta. Imma huwa jrid ikun f’Malta, ikun ta’ liema nazzjonalita’ jkun. L-istess bhal tal-abort! Jekk ikun Malti u jaghmel assocjazzjoni barra minn Malta, jaqa’ taht il-paragrafu (e) tal-istess ligijiet. Hemm tipprevali n-nazzjonalita’ tal-agent. **Kieku Stephens kellu passaport Malti jew kien residenti permanenti,** il-Qrati Maltin kien ikollhom gurisdizzjoni u kien ikun reat taht il-paragrafu (e) tal-precitati artikli tal-Kap. 101 u 31. F’dan il-paragrafu, sakemm ikun Malti jew residenti, anke jekk jassocja ruhu barra minn Malta.

Jidher li l-unika sentenza li hemm fuq nuqqas ta’ gurisdizzjoni hija dik ta’ Repubblika vs Knajber ta’ l-20 ta’ April, 2005. Bir-rispett kollu lejn il-Qorti Kostituzzjonali fejn fis-sentenza taghha semmiet li kien hemm kazijiet ohra fejn implicitament il-gurisdizzjoni kienet accettata, ghandu jinghad li jew l-eccezzjoni titqajjem u tigi deciza, jew l-imputat jew akkuzat jissokkombi ghall-gurisdizzjoni minghajr ma jqajjem l-ebda oggezzjoni. Il-gurisdizzjoni hija mplicita sakemm ma tigix formalment kontestata u deciza.

Imma s-sentenza Knabjer kellha bazi ferm differenti minn dik presenti. F’dak il-kaz l-eccezzjoni kienet li l-kaz ma kienx kopert bl-artiklu 5 tal-Kodici Kriminali. Hawn ma kenitx dik l-eccezzjoni. L-artiklu 5 jaghti poter li tizdied il-gurisdizzjoni (bhal ma hemm fil-paragrafu (e) tal-artikolu precitati, fejn hemm estenzjoni fuq it-territorjalita’ u bin-nazzjonalita’ jew residenza). Dan mhux kontestat mill-esponenti. Dak li qed jigi kontestat hawn huwa jekk l-paragrafu (f) jestendix tali gurisdizzjoni, hlief li wiehed mill-kongurati jista’ ma jkunx f’Malta, u xorta r-reat jissussisti. Hemm differenza jekk fil-fatt johloqx ir-reat ta’ barrani li minn pajjiz barrani jiftiehem halli tinbiegh id-droga f’Malta. Forsi huwa desiderabbli. Imma hemm differenza bejn dak li hu desiderabbli u dak li hemm miktub fil-ligi, id-differenza bejn *de lege condenda* u *lex condita*.

Ezami tal-akkuzi migjuba mill-prosekuzzjoni juri li fit-tlett *"charges"* hemm l-istess espressjoni. *"Together with one or more persons in Malta or outside Malta, conspired …"*. Il-posizzjoni tal-comma hija mportanti. Kif inhi taghti ragun lill-esponenti. Kienet tkun differenti kieku minflok kien hemm *"together with one or more persons, in Malta or outside Malta conspired …"*.

Hemm argument iehor importanti. L-assocjazzjoni huwa reat istantaneu li hu perfezzjonat kif tghid il-ligi stess. Huwa reat immedjat, bazat fuq il-ftehim. F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni qed tallega bhala fatt li kien hemm l-importazzjoni effettiva, u allura mhux izjed il-kaz ta' assocjazzjoni bazata fuq is-semplici ftehim imma hemm l-allegata komplicita'. Ma hemm l-ebda ligi specjali li testendi l-gurisdizzjoni dwar il-komplicita'. L-Artiklu 5 jestendiha f'kaz limitati u specifici. La l-Kap 101 u l-anqas il-Kap 31 ma jestenduha. Il-komplicita' hija estiza sakemm tkun saret f'Malta u l-mira tkun ta' spacc ta' droga f'pajjiz barrani. (paragrafu (d) tal-artikli). Huwa risaput li r-reat ta' assocjazzjoni huwa att preparatorju li jekk jieqaf hemm ikun reat, imma hekk issir l-esekuzzjoni tkun hemm assorbiment. Il-prosekuzzjoni esebit *statement* ta' Gregory Eyre li kien kundannat li mporta d-droga f'Malta bhala prova tal-involviment tal-esponenti fil-kaz, ghalkemm dan hu negat. Skond l-artikolu 5 tal-Kodici Kriminali, u dan biss fil-kazijiet hemm imsemmija, il-komplici jkun passibbli ghall-azzjoni kriminali jekk ikun jinstab f'Malta. Fil-kaz presenti il-komplicita' mhix imdahhla fil-lista ta' reati previsti mill-Artikolu 5, u lanqas fil-kapi msemmija.

Ghalhekk skond il-ligi Maltija, dan mhux reat punibbli.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi (1) tiddikjara li kien hemm ksur tal-Artiklu 5(3) u l-Artiklu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-proceduri mizmuma s'issa quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, (2) tiddikjara li l-arrest u d-detenzjoni kontinwata tal-esponenti hija ghalhekk illegali u ghandu jitqieghed fil-liberta' (3) tiddikjara li l-fatti addebitati

ma jikkostitwux reat skond il-ligi Maltija u dawn il-proceduri huma kontra l-Artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea bil-potenzjalita' ta' sejbien ta' htija ta' fatt li ma jikkostitwix reat (4) taghti r-rimedji effettiv li fil-poter taghha ghandha biex tissana jew tilqa' ghall-vjolazzjonijiet imsemmija (5) takkorda kumpens ghall-istess vjolazzjonijiet.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta mressqa mill-intimat li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi:

Permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent, li huwa cittadin Ingliz b'konnessjonijiet ma' Malta u illi gie estradit lejn Malta minn Spanja biex iwiegeb ghal akkuzi ta' assocjazzjoni f'reati konnessi ma' droga, qed jallega vjolazzjoni tas-segwenti Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**L-Artikoli**

"ARTIKOLU 5
(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' u ghas-sigurta' tal-persuna. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-liberta' tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi:

(a) id-detenzjoni skond il-ligi ta' persuna wara li tinsab hatja minn Qorti kompetenti;
(b) l-arrest jew id-detenzjoni skond il-ligi ta' persuna ghal nuqqas ta' tharis ta' ordni skond il-ligi ta' Qorti jew sabiex jigi zgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-ligi;
(c) l-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat;

(2) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem Imhallef jew funzjonarju

iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri.

(3) Kull min ikun ipprivat mil-liberta' tieghu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita' tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn Qorti u l-liberta' tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi.

ARTIKOLU 7
(1) Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar.

(2) Dan l-Artikolu ma ghandux jippregudika l-proceduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna ghal xi att jew ommissjoni li, fiz-zmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-principji generali tal-ligi rikonoxxuti min-nazzjonijiet civilizzati".

**<u>Il-meritu</u>**

L-esponent jirrileva illi filwaqt li huwa veru li l-artikolu 409A tal-Kodici Kriminali ma japplikax ghal meta l-persuna tkun tressqet quddiem Qorti bhala imputata jew akkuzata, f'tali eventwalita', u *cioe'* fil-kaz ta' persuna li tkun tressqet quddiem Qorti taht arrest ghal reat li dwaru tkun qed tigi imputata jew akkuzata, jezisti rimedju identiku u analogu li huwa moghti mill-artikolu 412B ta' l-istess Kodici. Ir-rikorrent erronjament kien taht l-impressjoni li tali rimedju ma jezistix u ghalhekk naqas milli jirrikorri ghal dan ir-rimedju ordinarju u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita il-kompetenza kostituzzjonali taghha ghat-tenur tal-proviso ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319.

Illi l-funzjoni principali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja hija dik illi tipprezerva u tikkumpila l-provi li, ‘l quddiem, ikunu l-bazi tal-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali. Fil-mori ta’ dawn il-proceduri l-Qorti Istruttorja trid tiddeciedi, fit-termini stabbiliti mill-ligi, jekk hemmx jew le ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza. Huwa risaput illi l-grad ta’ prova rikjest ghal dan l-ezercizzju huwa dak komunement maghruf bhala *prima facie*. Jidher car mill-artikoli 449 u 499 tal-Kodici Kriminali li fis-sistema legali taghna il-ligi trid li certi eccezzjonijiet ma jigux decizi fuq bazi *prima faciei* izda trid li l-kwistjoni tigi investita *funditus* tant li l-ligi trid li jkun hemm dritt ta’ appell minn dawk l-eccezzjonijiet lil Qorti Superjuri. Fost dawn l-eccezzjonijiet hemm dik tal-gurisdizzjoni li minn decizjoni dwarha hemm dritt ta’ Appell lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kemm mill-akkuzat kemm mill-Avukat Generali mentri mid-decizjoni tal-Qorti Istruttorja l-ligi ma tipprevedix dritt ta’ appell. Ghalhekk il-ligi tkun kontradittorja u jkun kontrosens guridiku li fl-istess hin tvesti lill-Qorti Istruttorja b’kompetenza li tiddeciedi l-mertu ta’ eccezzjoni ta’ gurisdizzjon li minnha ma jistax ikun hemm appell ghax altrimenti dak li l-ligi tkun qed taghti lill-partijiet b’id wahda bl-id l-ohra tkun qed tiehdu lura. Minn dan ghandu jirrizulta manifestament li d-decizjoni dwar il-mertu ta’ eccezzjoni ta’ gurisdizzjoni l-ligi taghna rriservata lill-Qrati Superjuri u *cioe’* lill-Qorti Kriminali jew, fi stadju ta’ Appell, lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

Illi anke jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument, jinghad li l-Qorti Istruttorja ghandha xi kompetenza *in materja* tali kompetenza fi kwalunkwe kaz ma tistax tmur *oltre* minn ezami tal-kwistjoni fuq bazi ta’ *prima facie* biex tiddeciedi hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht Att ta’ Akkuza. Dan ifisser li fil-kaz ta’ dubbju dan ghandu jigi rizolt favur li persuna tigi rimessa biex tqieghed taht Att ta’ Akkuza. F’dan il-kaz mhux biss hemm dubbju izda hu palezi li l-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni piena *in materja*.

Dak kollu premess, izda, ma hix materja kostituzzjonali izda fi kwalunkwe kaz hi eskluzzivament materja rimessa ghall-interpretazzjoni tal-Qrati ta’ gurisdizzjoni kriminali.

L-eccezzjoni prezenti li qed tigi bbazata fuq l-allegata assenza ta' *comma*, apparti li anqas lingwistikament ma hi korretta, twassal ghal decizjoni fil-mertu ta' l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni, haga li, kif gia inghad, il-ligi taghna rriservat lill-Qrati Superjuri ta' kompetenza kriminali. Fic-cirkostanzi tal-kaz *in dizamina*, ghalhekk, tali decizjoni m'ghandhiex tittiehed mill-Qorti fil-funzjoni taghha ta' Qorti Istruttorja.

Illi l-esponent jirrileva illi anke l-konkluzzjoni tar-rikorrent illi z-zieda tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 401 (permezz ta' l-Att III ta' l-2002) tal-Kodici Kriminali hija prova li l-Qorti Istruttorja ghandha l-poter u d-dover li tezamina l-kwistjoni ta' gurisdizzjoni, hija zbaljata. Din id-disposizzjoni ma hija xejn hlief riflessjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali *in re* 'Il-Pulizija vs Dr. Joseph Cassar Galea' [19.04.1984], msemmija mill-istess rikorrent. Din is-sentenza kienet iddecidiet, *intier alia*, li l-Qorti Istruttorja m'ghandhiex tiddeciedi kwistjonijiet ta' preskrizzjoni peress illi l-preskrizzjoni testingwi l-meritu u twassal ghal liberatorja fis-sens ta' *acquittal* u mhux ta' *discharge*. Il-legislatur ghogbu jekwipara l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* peress illi l-akkoljiment ta' din l-eccezzjoni ghandu effett identiku ghal dak ta' l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, *cioe'* l-estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali. Hija din il-kwistjoni specifika li l-ligi riedet tindirizza bl-emenda *in kwistjoni* u dan fid-dawl tad-decizjoni fil-kaz ta' Cassar Galea. Dan ma jfissirx li l-ligi biddlet b'xi mod iehor il-pozizzjoni legali li kienet tezisti qabel. Anzi l-emenda kienet intiza proprju biex tippreserva il-pozizzjoni legali korretta precedenti u tnehhi kull dubbju li seta' nholoq fir-rigward. Ghalhekk l-inferenza mehuda mill-introduzzjoni tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 401 fis-sens illi l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni billi mhijiex imsemmija f'dak is-subartikolu ghandha tigi ezaminata fl-aspetti kollha taghha u *funditus* mill-Qorti ta' l-Istruttorja hija wahda kompletament gratuita.

Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni ghandha tigi kunsidrata *funditus* biss minn Qorti li tista' tiddeciedi l-meritu tal-kawza u mhux mill-Qorti Istruttorja li

ghandha l-funzjonijiet kif spjegati izjed 'il fuq. Fi kwalunkwe kaz, jekk ghall-grazzja ta' l-argument jinstab li l-Qorti Istruttorja ghandha xi kompetenza *in materja* dan irid dejjem ikun *in sintonija* mal-funzjonijiet taghha kif gia spjegat aktar 'il quddiem.

Illi l-fatt illi l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni ma tigix kunsidrata fil-fond minn Qorti fil-grad tal-istruttorja lanqas ma jgib bhala konsegwenza, kif qed jallega r-rikorrent, l-illegalita' tal-arrest pendenti l-proceduri. Dan billi l-kwistjoni tal-validita' tal-arrest u l-kunsiderazzjoni tal-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni huma zewg affarijiet separati u distinti. Il-fatt illi wara ezami approfondit ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni jinstab illi din kienet valida (haga li l-esponent anke fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Novembru 2004 bejn l-istess partijiet izda fl-ismijiet "Dr. Joseph Brincat noe vs Avukat Generali" ma jikkoncedix, anzi jirritjeni li palezament hi infondata) ma jgibx bhala konsegwenza l-illegalita' tal-arrest originali. Kieku wiehed kellu jaddotta din il-logika kull min jitressaq il-Qorti ghadnu jkollu l-kaz tieghu ezaminat fil-fond u fl-aspetti kollha immedjatament taht piena li jekk jinstab illi hu mhux hati ifisser illi l-arrest tieghu kien illegali. Dan certament illi ma jregix.

Lanqas ma jregi l-argument illi jekk wara ezami fil-fond ta' eccezzjoni tal-gurisdizzjoni jinstab illi din tkun valida allura ikun twettaq ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar in-non-retroattivita tal-ligijiet penali. Dan l-artiklu huwa ukoll kompletament irrilevanti ghall-kwistjoni *in dizamina*.

Illi fi kwalunkwe kaz dak kollu li qed jigi sollevat fir-rikors promotur huwa prettament ipotetiku *stante* illi, kif gie diga' sollevat aktar 'il fuq, diga' hemm decizjoni tal-Prim'Awla li tasserixxi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin f'dan il-kaz u d-decizjoni sussegwenti tal-Qorti Kostituzzjonali ma rrevokatx dik il-parti ta' dik is-sentenza fil-meritu izda ddecidiet biss illi l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tmiss li tigi deciza fl-ordinament tal-Qrati ta' gurisdizzjoni penali.

Daqstant ghandu x’jissottometti ghall-gudizzju ghaqli u superjuri ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-att tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat ukoll l-atti tar-rikors kostituzzjonali fl-ismijiet *“Brincat noe vs Avukat Generali”* deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta’ Novembru, 2004;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent jinsab ghaddej proceduri kriminali kontrih quddiem il-Qrati Maltin. Wahda mid-difiza tieghu quddiem dawk il-Qrati hi li l-istess Qrati Maltin m’ghandhomx gurisdizzjoni jiddeliberaw fuq il-kaz tieghu. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja qieset li hemm ragunijiet bizzejjed biex rikorrent jitqieghed taht att ta’ akkuza, *pero’*, fl-istess digriet astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni minn imressqa dwar il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Dik il-Qorti kienet astjeniet wara li qieset li hi mhux kompetenti tiddeciedi fuq tali eccezzjoni, izda hija materja riservata ghall-Qorti Kriminali fil-kompetenza taghha adgudikatoria. Ir-rikorrent jilmenta li din id-decizjoni tilledi d-drittijiet tieghu sanciti bl-artikolu 5(3)(4) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem, u eventwalment tal-artikolu 7 tal-istess konvenzjoni.

L-artikolu 5(3)(4) tal-Konvenzjoni jipprovdu hekk:

*(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(c) ta’ dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem Imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b’ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal*

*helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kondizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri.*

*(3) Kull min ikun ipprivat mil-liberta' tieghu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita' tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn Qorti u l-liberta' tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi.*

L-artikolu 7 tal-istess Konvenzjoni jipprovdi:

*(1) Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena aktar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

*(2) Dan l-Artikolu ma ghandux jippregudika l-proceduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna ghal xi att jew ommissjoni li, fiz-zmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-principji generali tal-ligi rikonoxxuti min-nazzjonijiet civilizzati".*

L-argument tar-rikorrenti, fil-qosor, hu li bid-decizjoni tal-Qorti Istruttorja li tastjeni milli tiddeciedi l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni, hu gie mcahhad mil-liberta' tieghu. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Persuna li titressaq quddiem Qorti taht arrest, ghandha d-dritt tikkontesta l-validita' tal-arrest u tad-decizjoni tieghu quddiem dik l-istess Qorti. Dan gie stabbilit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bis-sentenza taghha tad-19 ta' Gunju, 2000, fil-kawza "Sabeur Ben Ali vs Malta". Dik il-persuna ghandha ukoll ikollha d-dritt li titlob lil dik l-istess Qorti tahtih il-helsien mill-arrest, u dik l-istess Qorti ghandha jkollha l-poter, dak il-hin li titressaq taht arrest, li tordna l-helsien mill-arrest jew anke tichad tali talba. Dan mhux kontestat, izda r-rikorrent jallega li la darba l-Qorti Istruttorja ma tistax tiddeciedi fuq jekk il-Qrati Maltin ghandhomx gurisdizzjoni jisimghu l-kaz, dik l-istess Qorti qed tigi impeduta milli effettivament tindaga fuq il-legalita' tad-detenzjoni tieghu.

Din il-Qorti tara li meta Qorti, li quddiema persuna tingieb taht arrest, ghandha l-poter tindaga fuq il-legalita' tal-arrest, dan ma tridx taghmlu billi tezamina l-meritu innifsu tal-kaz. Kull eccezzjoni sollevata mill-akkuzzat tista' twassal ghall-helsien tieghu, *pero'*, dan irid isir wara li jinstemgha l-process gudizzjarju kollu. Il-Qorti li quddiema titressaq persuna taht arrest, trid tara jekk proceduralment l-arrest kienx validu, misthoqq u skond il-ligi, u wara tara jekk ghandhiex tordna l-helsien tieghu fuq *bail.*

Meta tinbeda l-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti Istruttorja, l-iskop ta' dak l-istadju hu biex jingabru l-provi li jressaq l-Avukat Generali u, jekk irid, tad-difiza; mhux kompitu ta' dik il-Qorti li tiddeciedi htija *o meno*. Dik il-Qorti ma tidholx fil-meritu tal-kaz li hu rizervat ghall-Qorti ta' kompetenza kriminali, li quddiema ghandhom jigu trattati eccezzjonijiet ta' natura legali. Jekk il-kaz idum ma jingieb quddiem il-Qorti Kriminali, jew jekk il-process ta' decizjoni fuq l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni, idum ma jigi determinat, jista' occorrendo ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-istess konvenzjoni minhabba *"dewmien"* zejjed, imma l-fatt li decizjonijiet legali huma riservati bil-ligi ghat-tieni stadju tal-process, flok l-ewwel, mhux *per se* ksur tal-konvenzjoni ewropea.

Il-fatt li l-Qorti inkarigata mill-kumpilazzjoni tal-provi ghandha l-poter tiddecidi fuq jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-akkuzat jitqieghed taht att tal-akkuza, ma jfissirx li hi ghandha tezami kwistjonijiet ta' natura legali marbuta mal-kaz. Sa dak il-mument ma jkunx hemm att ta' akkuza formali, u *kwindi* ma tistax tidderimi kwistjonijiet legali marbuta mal-akkuza li tkun ghad trid tigi formolata. Il-ligi taghti poter lil dik il-Qorti tezamina biss r-rizultanzi fattwali u tara jekk dawn jistghux iwasslu ghal-esistenza ta' reat fil-konfront tal-akkuzat, izda mhux kompitu taghha li tidhol f'kwistjonijiet ta' natura legali li jistghu iwasslu ghall-htija jew liberazzjoni tal-akkuzat. Dawk il-konsiderazzjonijiet huma riservati, bil-ligi, ghall-Qorti li tkun se tiddeciedi fuq il-meritu tal-kaz, u l-fatt li dan l-istharrig hu riservat ghall-stadju ulterjuri tal-process

gudizzjarju, ma jmurx kontra l-artikolu invokati tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Il-kwistjoni tal-helsien tal-persuna, anke waqt il-pendenza tal-proceduri, hija ovvjament ta' importanza kbira u, ghalhekk, m'ghandhiex tithalla ghat-tieni stadju tal-process gudizzjarju, izda l-ligi tista' tirregola kif u meta s-sostanza tar-reat ghandu jigi trattat, u m'hemm xejn hazin li dan jithalla ghat-tieni flok ghall-ewwel stadju tal-process kriminali. Diment li l-akkuzat jista' jikkontesta n-nuqqas ta' helsien tieghu fi stadju immedjat, il-fatt li l-ligi thalli l-istharrig tal-kaz fi stadju ulterjuri, ma jammontax ghall-ksur ta' xi dritt fundamentali, basta li ma jkunx hemm dewmien zejjed.

In-natura ta' investigazzjoni li trid taghmel Qorti li quddiema jitressaq persuna taht arrest, mhux dak li tidhol fil-meritu, izda ta' *"judicial review"*, biex tara jekk id-detenzjoni hijiex valida jew le. Dak biss hu mehtieg mill-konvenzjoni ewropea. L-artikolu 412B tal-Kodici Kriminali jipprovdi li dan ir-*"review"* jista' jsir kull tant zmien, kull meta l-akkuzat ihoss li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tieghu qed tkun ta' pregjudizzju ghalih. Il-Qorti aditta b'talba simili trid tezamina c-cirkustanzi kollha tal-kaz, minghajr, *pero'*, ma tidhol fil-meritu tal-kaz jew l-elementi essenzjali tieghu.

Il-Qorti taqbel mal-intimat li l-kwistjoni tal-validita' tal-arrest u l-konsiderazzjoni tal-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni huma zewg affarijiet separati u distinti. Il-konvenzjoni titlob stharrig immedjat dwar il-legalita' *"tad-detenzjoni"*, mhux dwar il-validita' jew sostenibilita' tal-akkuzi megjuba kontra l-akkuzat.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti thoss li, dwar l-eccezzjoni infisha, dak li qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-paragrafu 10 tas-sentenza taghha fil-kawza fuq imsemmija (li kienet titratta wkoll ilment simili mir-rikorrent) ghandu certa rilevanza. Dik l-Onorabbli Qorti osservat hekk fuq din l-eccezzjoni:

*"Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 u 48A tal-Kodici Kriminali, id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 23, kif ukoll l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 u ma tarax kif l-appellant Stephens jista' b'xi mod jilmenta li l-arrest tieghu ma kienx "skond il-ligi" (ghall-finijiet tal-paragrafi (c) jew (f) tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni) minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fir-rigward tal-fatti kif allegati kontra tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-disposizzjoni tal-paragrafu (f) tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 101 taghti lok li jinhareg il-mandat ta' arrest bhalma nhareg f'dan il-kaz, u dan ghax il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali f'Malta ghandhom gurisdizzjoni fuq, u jistghu jipprocedu kontra, kull persuna li tassocja ruhha "ma' xi persuna jew persuni ohra <u>f'Malta jew barra minn Malta"</u> sabiex tbiegh jew titraffika d-droga f'Malta (sottolinear ta' din il-Qorti). Fi kliem iehor, il-fatt ta' assocjazzjoni, bi skop ta' traffikar ta' droga f'Malta, li jsir kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jidher li hu kontemplat <u>f'din il-ligi specjali</u> bhala reat u ghalhekk jaqa' fil-kompetenza tal-Qrati ta' Guztizzja Kriminali ta' Malta. Bhala <u>ligi specjali</u>, anke jekk il-ligi generali fl-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali tipprovdi xort'ohra – ghax skond l-Artikolu 48A l-agent <u>irid ikun f'Malta</u> meta jassocja ruhu ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta – tipprevali din il-ligi specjali in materja ta' traffikar ta' droga, u dan in vista proprju ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 5 tal-Kap. 23 – "Kull disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali tghodd fil-kaz ta' reat ikkontemplat f'ligi specjali, <u>hlief meta dik id-disposizzjoni ma tkunx kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi"</u> (sottolinear ta' din il-Qorti)"*

Minn din is-silta jidher li kien hemm stharrig provizorju fuq is-sottomissjoni tar-rikorrent, u gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali li l-arrest tieghu kien, fil-fatt, skond il-ligi. Dak li r-rikorrent qed jilmenta li m'ghamlitx il-Qorti Istruttorja, f'dan il-kaz, ghamlitu l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Hu veru li r-rikorrent, f'dawn il-proceduri, qed jinvoka artikolu differenti tal-konvenzjoni ewropea, *pero'*, dan il-pronunzjament jista' jservi ukoll ghall-ilment tar-rikorrenti, ghalkemm, kif intwera, din il-Qorti thoss li l-artikolu 5(3) u (4) invokati ma jirrikjediex stharrig fuq elementi tar-reat li bih persuna tkun se tigi akkuzata.

F’dan l-istadju, kull referenza ghall-artikolu 7 tal-konvenzjoni ewropea huwa kompletament irrilevanti peress li l-process gudizzjarju kontra r-rikorrent ghadu ma giex terminat u ma instab hati ta’ ebda reat.

*Inoltre* dak li jrid l-artikolu 7 huwa li r-reat, bhala tali, ikun jezisti fil-mument li jkun sar l-allegat reat. Jekk il-provedimenti statutarji tar-reat, umbaghad, japplikax ghall-kaz tal-persuna akkuzata b’dak ir-reat trid tarah biss il-Qorti Kriminali li tkun qed tisma’ l-kaz. F’dan il-kaz, ir-reat *per se* kien u ghadu jezisti, u *kwindi* l-vot tal-artikolu 7 huwa sodisfatt; jekk dak ir-reat japplikax ghar-rikorrenti irid, issa, jigi mistharreg fil-forum opportun.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------